

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>

Sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali - Ir-Regolament Brussell I

Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti mibdija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-e-Ġustizzja, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2022.

Sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali - Ir-Regolament Brussell I

L-Ingilterra u Wales

L-Anness I – Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 4(2)

- fir-Renju Unit: regoli li jawtorizzaw ġurisdizzjoni bbażata fuq:

- id-dokument li jstipulaw l-proċedimenti illi jkun ġie servut fuq il-konvenut matul il-preżenza temporanja tiegħu fir-Renju Unit; jew
- il-preżenza fir-Renju Unit ta' propjetà li tappartjeni lil-konvenut; jew
- is-sekwestru mill-attur ta' propjetà li tkun tinsab fir-Renju Unit.

L-Anness II – Il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti li quddiemhom tista' titressaq l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 39

- fl-Ingilterra u Wales, il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja, jew fil-każ ta' ġudizzju ta' manteniment, il-Qorti tal-Maġistrati dwar it-trasmissjoni mis-Segretarju ta' l-Istat

L-Anness III – Il-qrati li quddiemhom jistgħu jitressqu l-appelli msemmija fl-Artikolu 43(2)

- fl-Ingilterra u Wales, il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja, jew fil-każ ta' sentenza ta' manteniment, il-Qorti tal-Maġistrati

L-Anness IV- L-appelli li jistgħu jitressqu skont l-Artikolu 44

- b'appell waħdieni ieħor fuq punt tal-liġi.

L-aħħar aġġornament: 26/10/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.